

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 13(4) u (5) tad-Direttiva 2010/75/UE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(12) ta' din id-direttiva u mal-Artikolu 291(2) TFUE, billi eċċediet il-kompetenzi ta' eżekuzzjoni mogħtija lilha taħt l-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE, meta introduċiet derogi mill-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT permezz tad-deċiżjoni kkontestata pjuttost milli permezz ta' emendi fid-Direttiva 2010/75/UE.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 3(3) u (4) tar-Regolament Nru 182/2011, abbużat mill-poteri tagħha, u kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba billi introduċiet, mingħajr ma ppermettiet diskussjoni minn qabel, emendi kunsiderevoli fl-abbozz tad-deċiżjoni kkontestata fil-jum tal-vot mill-Kumitat li hemm riferiment għalih fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2010/75/UE fir-rigward tal-opinjoni tiegħu dwar dan l-abbozz.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2017 – Hermann Biederlack vs EUIPO – (Feeling home)

(Kawża T-715/17)

(2017/C 412/55)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Hermann Biederlack GmbH & Co. KG (Greven, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Seifried, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Feeling home" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 452 931

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 252/2017-5

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2017 – Germanwings vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-716/17)

(2017/C 412/56)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Germanwings GmbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Martin-Ehlers, Rechtsanwalt)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Lulju 2016 ⁽¹⁾ dwar l-Għajnuna mill-Istat SA33983 (2013/C) (ex 2012/NN) (ex 2011/N) — l-Italja — Kumpens lill-ajruporti ta' Sardinja għall-obbligi ta' servizz pubbliku (SIEĠ), b'mod partikolari:
 - l-Artikolu 1(2) sa fejn jirreferi għal Germanwings GmbH; u
 - l-Artikolu 2(1) sa fejn jirrigwarda r-rimbors minn Germanwings GmbH; u
- tordna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li ma hemm ebda element ta' għajnuna

Il-konvenuta la wriet u lanqas ipproduċiet prova li l-ħlas li sar lir-rikorrenti kien jikkostitwixxi għajnuna. Konsegwentement, il-konvenuta tiddevja kunsiderevolment mill-ġurisprudenza u mill-prassi deċiżjonali tagħha stess.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li, fil-każ li jiġi kkonstatat li teżisti għajnuna, din la tkun taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u lanqas tkun timplika distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-konvenuta ma mmotivatx suffiċjentement il-fatt li l-allegata għajnuna taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-kompetizzjoni. Sussidjarjament, ir-rikorrenti ssostni li teżisti għajnuna *de minimis* fis-sens tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006 ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1861 tad-29 ta' Lulju 2016 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA33983 (2013/C) (ex 2012/NN) (ex 2011/N) — l-Italja — Kumpens lill-ajruporti ta' Sardinja għall-obbligi ta' servizz pubbliku (SIEĠ) (notifikata bid-dokument C(2016) 4862) (ĠU 2017, L 268, p. 1)

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006, tal-15 ta' Diċembru 2006, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna *de minimis* (ĠU 2007, L 314M, p. 654)

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2017 – Falmouth University vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-227/17) ⁽¹⁾

(2017/C 412/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 221, 10.7.2017.